MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 867/2002

**Malta International Airport PLC.**

**-vs-**

**County Leatherwear Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att tac-citazzjoni mressqa fid-29 ta' Lulju, 2002 , li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbghatax-il elf, mija u zewg liri u sebghin centezmu

Maltin (Lm14,102.70) dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici bhala *"minimum guarantee", concession*

*fees, maintenance,* spejjez ta' elettriku u tat-telefon, u spejjez ohra, kif spjegat ahjar fir-rendikont hawn anness u markat bhala Dokument CL1, liema somma hija dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici skond il-ftehim li s-socjeta' konvenuta ghandha mas-socjeta' attrici datat l-hamsa (5) ta' Novembru, 1998 (hawn anness bhala Dok CL6) in konnessjoni mal-hanut bl-isem *Leather & Accessories* li kien operat mis-socjeta' konvenuta fid-*duty free section* ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, Hal-Luqa;

U illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas is-somma dovuta lis-socjeta' attrici anke' permezz ta' ittra ufficjali datata sbatax (17) ta' Lulju, sena elfejn u tnejn (2002) debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta fl-ghoxrin (20) ta' Lulju, sena elfejn u tnejn (2002), izda s-socjeta' konvenuta xorta baqghet inadempjenti (kopja vera ta' l-imsemmija ittra ufficjali qed tigi hawn annessa u markata bhala Dokument CL2);

Ghalhekk s-socjeta' attrici  titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbghatax-il elf, mija u zewg liri u sebghin centezmu Maltin (Lm14,102.70) dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali u bl-imghax kummercjali mid-dati tal-fatturi rispettivi (liema dati jidhru fir-rendikont hawn anness CL1) kontra s-socjeta' konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tas-socjeta` attrici li biha rriduciet it-talba ghall-hdax il-elf, sittmija u zewg liri Maltin u sebghin

centezmu (Lm11,602,70) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta li biha ammettiet t-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba ridotta tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici limitatament ghas-somma ta' hdax il-elf, sittmija u zewg liri Maltin u sebghin centezmu (Lm11,602,70) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------